| 5. Jenfasizza ***li l-implimentazzjoni*** tal-politika reġjonali ***hija importanti*** għas-suċċess tal-Istrateġija Ewropa 2020 u għat-tisħiħ tas-suq uniku; jinnota li l-finanzjament strutturali tal-UE għandu jiġi allokat b'mod dinamiku u li jħares 'il quddiem biex ikomplu jittaffew l-effetti negattivi fuq reġjuni li għandhom ftehimiet ta' kummerċ internazzjonali u sabiex ir-reġjuni tal-UE jiġu ppreparati għat-tibdil soċjoekonomiku; jitlob li jkun hemm aktar politiki reġjonali ta' użu faċli, iżda anke regoli aktar stretti kontra l-'fund-shopping', li permezz tiegħu xi impriżi jistgħu jagħmlu użu ħażin mill-istrumenti finanzjarji tal-Unjoni; | 5. Jenfasizza ***l-importanza tar-reġjuni u tal-implimentazzjoni*** tal-politika reġjonali għas-suċċess tal-Istrateġija Ewropa 2020 u għat-tisħiħ tas-suq uniku; jinnota li l-finanzjament strutturali tal-UE għandu jiġi allokat b'mod dinamiku u li jħares 'il quddiem biex ikomplu jittaffew l-effetti negattivi fuq reġjuni li għandhom ftehimiet ta' kummerċ internazzjonali u sabiex ir-reġjuni tal-UE jiġu ppreparati għat-tibdil soċjoekonomiku; jitlob li jkun hemm aktar politiki reġjonali ta' użu faċli, iżda anke regoli aktar stretti kontra l-'fund-shopping', li permezz tiegħu xi impriżi jistgħu jagħmlu użu ħażin mill-istrumenti finanzjarji tal-Unjoni; |

Or. pt

**Emenda 29**
**Lambert van Nistelrooij**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 6**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Jenfasizza li r-reġjuni li jinstabu fil-fruntieri interni tas-suq uniku huma l-ewwel li jesperjenzaw il-konsegwenzi tat-tneħħija ta' dawn il-fruntieri; jitlob lill-Kummissjoni tikkunsidra t-tħassib rigward 'l-effett ta' limitu' bejn ir-reġjuni tal-fruntiera li jgawdu minn livelli ta' żvilupp iżda li jirċievu livelli ferm differenti ta' appoġġ finanzjarju taħt il-politika reġjonali tal-Unjoni; jitlob li jkun hemm dibattitu dwar il-ħolqien ta' ***kategoriji intermedji*** ġusti bejn l-objettivi ta' 'konverġenza' u 'l-kompetittività reġjonali u tal-impjieg'; | 6. Jenfasizza li r-reġjuni li jinstabu fil-fruntieri interni tas-suq uniku huma l-ewwel li jesperjenzaw il-konsegwenzi tat-tneħħija ta' dawn il-fruntieri; jitlob lill-Kummissjoni tikkunsidra t-tħassib rigward 'l-effett ta' limitu' bejn ir-reġjuni tal-fruntiera li jgawdu minn livelli ta' żvilupp iżda li jirċievu livelli ferm differenti ta' appoġġ finanzjarju taħt il-politika reġjonali tal-Unjoni; jitlob li jkun hemm dibattitu dwar il-ħolqien ta' ***miżuri ta' tranżizzjoni*** ġusti bejn l-objettivi ta' 'konverġenza' u 'l-kompetittività reġjonali u tal-impjieg'; |

Or. en

**Emenda 30**
**Franz Obermayr**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 6**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Jenfasizza li r-reġjuni li jinstabu fil-fruntieri interni tas-suq uniku huma l-ewwel li jesperjenzaw il-konsegwenzi tat-tneħħija ta' dawn il-fruntieri; jitlob lill-Kummissjoni tikkunsidra t-tħassib rigward 'l-effett ta' limitu' bejn ir-reġjuni tal-fruntiera li jgawdu minn livelli ta' żvilupp iżda li jirċievu livelli ferm differenti ta' appoġġ finanzjarju taħt il-politika reġjonali tal-Unjoni; jitlob li jkun hemm dibattitu dwar il-ħolqien ta' kategoriji intermedji ġusti bejn l-objettivi ta' 'konverġenza' u 'l-kompetittività reġjonali u tal-impjieg'; | 6. Jenfasizza li r-reġjuni li jinstabu fil-fruntieri interni tas-suq uniku huma l-ewwel li jesperjenzaw il-konsegwenzi tat-tneħħija ta' dawn il-fruntieri; jitlob lill-Kummissjoni tikkunsidra t-tħassib rigward 'l-effett ta' limitu' bejn ir-reġjuni tal-fruntiera li jgawdu minn livelli ta' żvilupp iżda li jirċievu livelli ferm differenti ta' appoġġ finanzjarju taħt il-politika reġjonali tal-Unjoni; jitlob li jkun hemm dibattitu dwar il-ħolqien ta' kategoriji intermedji ġusti bejn l-objettivi ta' 'konverġenza' u 'l-kompetittività reġjonali u tal-impjieg'***, filwaqt li għandu jkun żgurat b'mod partikolari li dawk ir-reġjuni li mit-tkabbir fl-Ewropa tal-Lvant 'il quddiem il-PDG tagħhom, meta mqabbel mal-bqija tal-UE, jammonta għal aktar minn 75 % tal-medja tal-PDG per capita tal-UE jirċievu appoġġ speċifiku, filwaqt li għandhom ukoll jiġu appoġġjati speċjalment iż-żoni foqra fi ħdan l-ogħna reġjuni tal-UE, bħal pereżempju l-kwartieri foqra tal-bliet***; |

Or. de

**Emenda 31**
**Rosa Estaràs Ferragut**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 6**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Jenfasizza li r-reġjuni li jinstabu fil- | 6. Jenfasizza li r-reġjuni li jinstabu fil- |

| | |
|---|---|
| fruntieri interni tas-suq uniku huma l-ewwel li jesperjenzaw il-konsegwenzi tat-tneħħija ta' dawn il-fruntieri; jitlob lill-Kummissjoni tikkunsidra t-tħassib rigward 'l-effett ta' limitu' bejn ir-reġjuni tal-fruntiera li jgawdu minn livelli ta' żvilupp iżda li jirċievu livelli ferm differenti ta' appoġġ finanzjarju taħt il-politika reġjonali tal-Unjoni; jitlob li jkun hemm dibattitu dwar il-ħolqien ta' kategoriji intermedji ġusti bejn l-objettivi ta' 'konverġenza' u 'l-kompetittività reġjonali u tal-impjieg'***;*** | fruntieri interni tas-suq uniku huma l-ewwel li jesperjenzaw il-konsegwenzi tat-tneħħija ta' dawn il-fruntieri; jitlob lill-Kummissjoni tikkunsidra t-tħassib rigward 'l-effett ta' limitu' bejn ir-reġjuni tal-fruntiera li jgawdu minn livelli ta' żvilupp iżda li jirċievu livelli ferm differenti ta' appoġġ finanzjarju taħt il-politika reġjonali tal-Unjoni; jitlob li jkun hemm dibattitu dwar il-ħolqien ta' kategoriji intermedji ġusti bejn l-objettivi ta' 'konverġenza' u 'l-kompetittività reġjonali u tal-impjieg'***, jew miżuri oħrajn li jsolvu dawn l-effetti mhux mixtieqa;*** |

Or. es

**Emenda 32**
**Markus Pieper, Sabine Verheyen**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 6**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Jenfasizza li r-reġjuni li jinstabu fil-fruntieri interni tas-suq uniku huma l-ewwel li jesperjenzaw il-konsegwenzi tat-tneħħija ta' dawn il-fruntieri; jitlob lill-Kummissjoni tikkunsidra t-tħassib rigward 'l-effett ta' limitu' bejn ir-reġjuni tal-fruntiera li jgawdu minn livelli ta' żvilupp iżda li jirċievu livelli ferm differenti ta' appoġġ finanzjarju taħt il-politika reġjonali tal-Unjoni; jitlob li jkun hemm dibattitu dwar ***il-ħolqien ta' kategoriji intermedji*** ġusti ***bejn*** l-objettivi ta' 'konverġenza' u 'l-kompetittività reġjonali u tal-impjieg'; | 6. Jenfasizza li r-reġjuni li jinstabu fil-fruntieri interni tas-suq uniku huma l-ewwel li jesperjenzaw il-konsegwenzi tat-tneħħija ta' dawn il-fruntieri; jitlob lill-Kummissjoni tikkunsidra t-tħassib rigward 'l-effett ta' limitu' bejn ir-reġjuni tal-fruntiera li jgawdu minn livelli ta' żvilupp iżda li jirċievu livelli ferm differenti ta' appoġġ finanzjarju taħt il-politika reġjonali tal-Unjoni; jitlob li jkun hemm dibattitu dwar ***regoli tranżizzjonali għar-reġjuni li jħallu*** l-objettivi ta' 'konverġenza' u ***jinkorporaw*** 'il-kompetittività reġjonali u tal-impjieg'; |

Or. en

**Emenda 33**
**Marie-Thérèse Sanchez-Schmid, Sophie Auconie**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 6**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Jenfasizza li r-reġjuni li jinstabu fil-fruntieri interni tas-suq uniku huma l-ewwel li jesperjenzaw il-konsegwenzi tat-tneħħija ta' dawn il-fruntieri; jitlob lill-Kummissjoni tikkunsidra t-tħassib rigward 'l-effett ta' limitu' bejn ir-reġjuni tal-fruntiera li jgawdu minn livelli ta' żvilupp iżda li jirċievu livelli ferm differenti ta' appoġġ finanzjarju taħt il-politika reġjonali tal-Unjoni; jitlob li jkun hemm dibattitu dwar il-ħolqien ta' kategoriji intermedji ġusti ***bejn*** l-objettivi ta' 'konverġenza' u 'l-kompetittività reġjonali u tal-impjieg'; | 6. Jenfasizza li r-reġjuni li jinstabu fil-fruntieri interni tas-suq uniku huma l-ewwel li jesperjenzaw il-konsegwenzi tat-tneħħija ta' dawn il-fruntieri; jitlob lill-Kummissjoni tikkunsidra t-tħassib rigward 'l-effett ta' limitu' bejn ir-reġjuni tal-fruntiera li jgawdu minn livelli ta' żvilupp iżda li jirċievu livelli ferm differenti ta' appoġġ finanzjarju taħt il-politika reġjonali tal-Unjoni; jitlob li jkun hemm dibattitu dwar il-ħolqien ta' kategoriji intermedji ***ugwali u*** ġusti ***li jikkompleta*** l-objettivi ta' 'konverġenza' u 'l-kompetittività reġjonali u tal-impjieg'; |

Or. fr

**Emenda 34**
**Lambert van Nistelrooij**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 6 a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6 a. Biex tingħata spinta lill-kompetittività reġjonali, jenfasizza l-importanza tal-"ispeċjalizzazzjoni intelliġenti" tar-reġjuni; is-suq uniku tal-UE jista' biss jirnexxi fit-totalità tiegħu meta jkunu involuti l-atturi kollha u r-reġjuni kollha, iżda wkoll l-SMEs fis-setturi kollha, inkluż is-settur pubbliku, l-ekonomija soċjali u ċ-ċittadini nfushom; mhux biss ftit oqsma ta' teknoloġija avvanzata, iżda r-reġjuni kollha fl-Ewropa u kull Stat Membru, kull wieħed jiffoka fuq il-ħiliet tiegħu nnifsu ("l-ispeċjalizzazzjoni*** |

| | |
|---|---|
| | ***intelliġenti") fi ħdan l-Ewropa;*** |

Or. en

**Emenda 35**
**Kerstin Westphal**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 7**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***7. Jitlob lill-Kummissjoni biex tiċċara 'l-prinċipju ta' kondizzjonalità' msemmi fid-dibattitu dwar il-ġejjieni tal-politika reġjonali tal-Unjoni, li, jekk ma tiġix implimentata kif xieraq, tista' twassal għall-impożizzjoni ta' ħsara u sanzjonijiet inutli fuq benefiċjarji potenzjali taħt il-politika reġjonali, jiġifieri, l-impriżi u ċ-ċittadini tal-UE;*** | ***imħassar*** |

Or. de

**Emenda 36**
**Heide Rühle**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 7**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***7. Jitlob lill-Kummissjoni biex tiċċara 'l-prinċipju ta' kondizzjonalità' msemmi fid-dibattitu dwar il-ġejjieni tal-politika reġjonali tal-Unjoni, li, jekk ma tiġix implimentata kif xieraq, tista' twassal għall-impożizzjoni ta' ħsara u sanzjonijiet inutli fuq benefiċjarji potenzjali taħt il-politika reġjonali, jiġifieri, l-impriżi u ċ-ċittadini tal-UE;*** | ***imħassar*** |

Or. de

**Emenda 37**
**Franz Obermayr**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 7**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Jitlob lill-Kummissjoni biex tiċċara 'l-prinċipju ta' kondizzjonalità' msemmi fid-dibattitu dwar il-ġejjieni tal-politika reġjonali tal-Unjoni, li, jekk ma *tiġix implimentata* kif xieraq, *tista' twassal* ***għall-impożizzjoni ta' ħsara u sanzjonijiet inutli fuq benefiċjarji potenzjali taħt il-politika reġjonali, jiġifieri***, l-impriżi u ċ-ċittadini tal-UE; | 7. Jitlob lill-Kummissjoni biex tiċċara 'l-prinċipju ta' kondizzjonalità' msemmi fid-dibattitu dwar il-ġejjieni tal-politika reġjonali tal-Unjoni, li, jekk ma *jiġix implimentat* kif xieraq, *jista'* ***jolqot b'mod negattiv lil min ma jimmeritahx***, ***bħalma huma*** l-impriżi u ċ-ċittadini tal-UE; ***jenfasizza, madankollu, li n-nuqqas ta' twettiq tar-riformi strutturali meħtieġa u n-nuqqas ta' osservanza tal-Patt ta' Stabilità fl-agħar każ jistgħu jwasslu għal sanzjonijiet anki fil-qasam tal-appoġġ reġjonali peress li mingħajr l-istrutturi u d-dixxiplina baġitarja meħtieġa, hemm riskju li dawn is-sussidji jintilfu billi jintużaw b'mod inadegwat;*** |

Or. de

**Emenda 38**
**Heide Rühle**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 7 a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***7 a. Jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li teżamina r-regoli dwar l-akkwist pubbliku bil-għan li dawn jinġiebu f'konformità mal-għanijiet u l-politiki tal-UE, li l-proċeduri jsiru aktar sempliċi b'mod partikolari għall-awtoritajiet lokali u reġjonali ż-żgħar u li l-SMEs jingħataw aċċess aħjar għall-għoti ta' kuntratti pubbliċi;*** |

Or. de

**Emenda 39**
**Heide Rühle**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 7 b (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***7 b. Jikkritika li fil-kuntest tal-konsultazzjoni dwar il-modernizzazzjoni tal-politika Ewropea fil-qasam tal-akkwist pubbliku huma ppjanati regoli legali ġodda għall-konċessjonijiet tas-servizzi; dan iqisu kontraproduttiv fis-sens tal-inizjattiva dwar regolamentazzjoni aħjar peress li jista' jwassal għal aktar frammentazzjoni tar-regoli dwar l-akkwist pubbliku kif ukoll iżid l-inċertezza legali;*** |

Or. de

**Emenda 40**
**Sabine Verheyen**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 8**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Jisħaq li s-servizzi huma sors uniku ta' żvilupp għas-suq uniku; jenfasizza li d-Direttiva tas-Servizzi hija pass importanti lejn suq uniku veru għas-servizzi, u li l-proċess ta' traspożizzjoni għandu jsir mill-aktar fis possibbli u b'mod trasparenti; jenfasizza, partikularment, il-ħtieġa għall-aċċess reġjonali ġust għas-servizzi ta' interess ġenerali; | 8. Jisħaq li s-servizzi huma sors uniku ta' żvilupp għas-suq uniku; jenfasizza li d-Direttiva tas-Servizzi hija pass importanti lejn suq uniku veru għas-servizzi, u li l-proċess ta' traspożizzjoni għandu jsir mill-aktar fis possibbli u b'mod trasparenti; jenfasizza, partikularment, il-ħtieġa għall-aċċess reġjonali ġust għas-servizzi ta' interess ġenerali***, filwaqt li jiġu kkunsidrati s-sussidjarjetà u d-dritt għall-awtogovernanza lokali li għandhom l-awtoritajiet reġjonali u lokali;*** |

Or. en

**Emenda 41**
**Georgios Stavrakakis, Kerstin Westphal**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 8**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Jisħaq li s-servizzi huma sors uniku ta' żvilupp għas-suq uniku; jenfasizza li d-Direttiva tas-Servizzi hija pass importanti lejn suq uniku veru għas-servizzi, u li l-proċess ta' traspożizzjoni għandu jsir mill-aktar fis possibbli u b'mod trasparenti; jenfasizza, partikularment, il-ħtieġa għall-aċċess reġjonali ġust għas-servizzi ta' interess ġenerali; | 8. Jisħaq li s-servizzi huma sors uniku ta' żvilupp għas-suq uniku; jenfasizza li d-Direttiva tas-Servizzi hija pass importanti lejn suq uniku veru għas-servizzi, u li l-proċess ta' traspożizzjoni għandu jsir mill-aktar fis possibbli u b'mod trasparenti; jenfasizza, partikularment, il-ħtieġa għall-aċċess reġjonali ġust għas-servizzi ta' interess ġenerali ***billi jsir użu sħiħ mill-possibilitajiet provduti mit-Trattat ta' Lisbona jiġifieri l-Protokoll Nru 26;*** |

Or. en

**Emenda 42**
**Iosif Matula**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 8**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Jisħaq li s-servizzi huma sors uniku ta' żvilupp għas-suq uniku; jenfasizza li ***d-Direttiva tas-Servizzi hija*** pass importanti lejn suq uniku veru għas-servizzi, u li l-proċess ta' traspożizzjoni għandu jsir mill-aktar fis possibbli u b'mod trasparenti; jenfasizza, partikularment, il-ħtieġa għall-aċċess reġjonali ġust għas-servizzi ta' interess ġenerali; | 8. Jisħaq li s-servizzi huma sors uniku ta' żvilupp għas-suq uniku; jenfasizza li ***l-adattament tad-Direttiva skont il-ħtiġijiet konkreti tas-servizzi huwa*** pass importanti lejn suq uniku veru għas-servizzi, u li l-proċess ta' traspożizzjoni għandu jsir mill-aktar fis possibbli u b'mod trasparenti; jenfasizza, partikularment, il-ħtieġa għall-aċċess reġjonali ġust għas-servizzi ta' interess ġenerali***, jinsisti fuq il-ħtieġa li tiġi kkonsolidata l-koperazzjoni territorjali bl-għan li tiġi żgurata l-koeżjoni fl-iżvilupp tar-reġjuni ta' bejn il-fruntieri***; |

Or. ro

**Emenda 43**
**Petru Constantin Luhan**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 8**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Jisħaq li s-servizzi huma sors uniku ta' żvilupp għas-suq uniku; jenfasizza li d-Direttiva tas-Servizzi hija pass importanti lejn suq uniku veru għas-servizzi, u li l-proċess ta' traspożizzjoni għandu jsir mill-aktar fis possibbli u b'mod trasparenti; jenfasizza, partikularment, il-ħtieġa għall-aċċess reġjonali ġust għas-servizzi ta' interess ġenerali; | 8. Jisħaq li s-servizzi huma sors uniku ta' żvilupp għas-suq uniku; jenfasizza li d-Direttiva tas-Servizzi hija pass importanti lejn suq uniku veru għas-servizzi, u li l-proċess ta' traspożizzjoni għandu jsir mill-aktar fis possibbli u b'mod trasparenti; ***jistieden lill-Kummissjoni biex tieħu l-miżuri kollha neċessarji biex id-Direttiva tiġi implimentata fl-Istati Membri kollha u biex tappoġġja lil dawk l-Istati Membri li jesperjenzaw problemi jew dewmien biex jimplimentawha;*** jenfasizza, partikularment, il-ħtieġa għall-aċċess reġjonali ġust għas-servizzi ta' interess ġenerali; |

Or. ro

**Emenda 44**
**Rodi Kratsa-Tsagaropoulou**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 8 a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***8 a. Jenfasizza l-irwol tan-Netwerks Trans-Ewropej fil-promozzjoni tas-suq uniku, it-tkabbir ekonomiku u l-ħolqien tal-impjiegi; jilqa', f'dar-rigward, il-proposta tal-Kummissjoni biex fl-2011 tiġi adottata reviżjoni tal-linji gwida tal-Komunità għall-iżvilupp tan-netwerk tat-trasport trans-Ewropew kif ukoll proposta dwar qafas globali għall-finanzjament tal-*** |

| | |
|---|---|
| | ***infrastruttura tat-trasport;*** |

Or. en

**Emenda 45**
**Sophie Auconie, Marie-Thérèse Sanchez-Schmid**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 8 a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***8 a. Jinsisti b'fermezza dwar il-fatt li s-suq uniku jeħtieġ politika reġjonali li jkollha pakkett finanzjarju adegwat għall-perjodu ta' programmazzjoni ta' wara l-2013 u li dan fl-ebda każ ma jista' jkun inqas minn dak tal-perjodu attwali 2007-2013*** |

Or. fr

**Emenda 46**
**Oldřich Vlasák**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 8a (*ġdid*)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***8a (ġdid) Jisħaq fuq il-potenzjal tar-reġjuni tal-UE li jaqdu r-rwol importanti tagħhom biex jgħinu fl-isforz tal-Kummissjoni biex jinħoloq Suq Uniku diġitali; jenfasizza, f'dan ir-rigward, l-importanza li għandha tingħata lill-użu tal-fondi disponibbli għar-reġjuni tal-UE sabiex jingħeleb in-nuqqas ta' żvilupp tagħhom fl-oqsma tal-kummerċ u s-servizzi elettroniċi, li jistgħu jservu bħala sors siewi għat-tkabbir futur fir-reġjuni;*** |

Or. en

**Emenda 47**
**Lambert van Nistelrooij**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 9**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. Huwa tal-opinjoni li l-kooperazzjoni territorjali (inkluż ir-Raggruppament Ewropew ta' kooperazzjoni territorjali (REKT) u l-istrateġiji makro-reġjonali) jagħtu kontribut deċiżiv għat-tneħħija ta' fruntieri interni viżibbli u inviżibbli fis-suq uniku; jitlob, f'dan ir-rigward, sabiex il-baġit ta' wara l-2013 għall-kooperazzjoni territorjali jiżdied; | 9. Huwa tal-opinjoni li l-kooperazzjoni territorjali (inkluż ir-Raggruppament Ewropew ta' kooperazzjoni territorjali (REKT) u l-istrateġiji makro-reġjonali) jagħtu kontribut deċiżiv għat-tneħħija ta' fruntieri interni viżibbli u inviżibbli fis-suq uniku ***billi jintuża l-potenzjal sħiħ tar-raggruppament transkonfinali kompetittiv;*** jitlob, f'dan ir-rigward, sabiex il-baġit ta' wara l-2013 għall-kooperazzjoni territorjali jiżdied; |

Or. en

**Emenda 48**
**Oldřich Vlasák**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 9**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. Huwa tal-opinjoni li l-kooperazzjoni territorjali (inkluż ir-Raggruppament Ewropew ta' kooperazzjoni territorjali (REKT) u l-istrateġiji makro-reġjonali) jagħtu kontribut deċiżiv għat-tneħħija ta' fruntieri interni viżibbli u inviżibbli fis-suq uniku***; jitlob, f'dan ir-rigward, sabiex il-baġit ta' wara l-2013 għall-kooperazzjoni territorjali jiżdied***; | 9. Huwa tal-opinjoni li l-kooperazzjoni territorjali (inkluż ir-Raggruppament Ewropew ta' kooperazzjoni territorjali (REKT) u l-istrateġiji makro-reġjonali) jagħtu kontribut deċiżiv għat-tneħħija ta' fruntieri interni viżibbli u inviżibbli fis-suq uniku; |

Or. en

**Emenda 49**
**Marie-Thérèse Sanchez-Schmid, Sophie Auconie**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 9**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. Huwa tal-opinjoni li l-kooperazzjoni territorjali (inkluż ir-Raggruppament Ewropew ta' kooperazzjoni territorjali (REKT) u l-istrateġiji *makro-reġjonali*) jagħtu kontribut deċiżiv għat-tneħħija ta' fruntieri interni viżibbli u inviżibbli fis-suq uniku; jitlob, f'dan ir-rigward, sabiex il-baġit ta' wara l-2013 għall-kooperazzjoni territorjali jiżdied; | 9. Huwa tal-opinjoni li l-kooperazzjoni territorjali (inkluż ir-Raggruppament Ewropew ta' kooperazzjoni territorjali (REKT) u l-istrateġiji *makroreġjonali*) jagħtu kontribut deċiżiv għat-tneħħija ta' fruntieri interni viżibbli u inviżibbli fis-suq uniku ***u għat-tisħiħ ta' dan tal-aħħar***; jitlob, f'dan ir-rigward, sabiex il-baġit ta' wara l-2013 għall-kooperazzjoni territorjali jiżdied; ***iħeġġeġ is-simplifikazzjoni tal-aċċess għall-fondi Ewropej fil-qafas tal-kooperazzjoni territorjali biex tiġi ffaċilitata l-parteċipazzjoni, fost l-oħrajn, tal-atturi privati;*** |

Or. fr

**Emenda 50**
**Ramona Nicole Mănescu**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 9**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. Huwa tal-opinjoni li l-kooperazzjoni territorjali (inkluż ir-Raggruppament Ewropew ta' kooperazzjoni territorjali (REKT) u l-istrateġiji makro-reġjonali) jagħtu kontribut deċiżiv għat-tneħħija ta' fruntieri interni viżibbli u inviżibbli fis-suq uniku; jitlob, f'dan ir-rigward, sabiex il-baġit ta' wara l-2013 għall-kooperazzjoni territorjali jiżdied***;*** | 9. Huwa tal-opinjoni li l-kooperazzjoni territorjali (inkluż ir-Raggruppament Ewropew ta' kooperazzjoni territorjali (REKT) u l-istrateġiji makro-reġjonali) jagħtu kontribut deċiżiv għat-tneħħija ta' fruntieri interni viżibbli u inviżibbli fis-suq uniku; jitlob, f'dan ir-rigward, sabiex il-baġit ta' wara l-2013 għall-kooperazzjoni territorjali jiżdied ***sabiex tiġi promossa l-kooperazzjoni fuq ħafna livelli bejn il-fruntieri nazzjonali u jiġi sfruttat aħjar il-potenzjal tal-kooperazzjoni territorjali;*** |

Or. en

**Emenda 51**
**François Alfonsi, Heide Rühle**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 9 a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***9a. Jitlob li l-proposti tal-kapitolu "Insaħħu s-solidarjetà fis-suq uniku" jiġu elaborati u jissaħħu u, b'mod partikolari, li jiġi kkunsidrat l-impatt tas-suq uniku fir-reġjuni l-iktar żvantaġġati sabiex jiġu antiċipati u appoġġjati l-isforzi ta' adattament ta' dawn ir-reġjuni;*** |

Or. fr

**Emenda 52**
**Patrice Tirolien**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 9 a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***9a. Jenfasizza s-sitwazzjoni speċifika msemmija fl-Artikolu 349 tat-Trattat ta' Lisbona, b'mod partikolari l-insularità u d-distanza, li jillimitaw l-integrazzjoni ta' dawn ir-reġjuni fis-suq uniku; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex issegwi u ssaħħaħ id-dispożizzjonijiet speċifiċi għal dawn ir-reġjuni; ifakkar il-ħtieġa li jitwaqqaf Pjan ta' Viċinat Kbir Ewropew, imsemmi mill-Kummissjoni fil-komunikazzjoni tagħha 2004(343), flimkien mal-integrazzjoni fis-suq uniku;*** |

Or.

**Emenda 53**
**Heide Rühle**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 10**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***10. Jilqa' l-ħolqien propost għal Statut tal-Fondazzjonijiet Ewropej; jitlob li jinħoloq Statut tal-Fondazzjonijiet Ewropej sabiex jiġu ffaċilitati inizjattivi bejn il-fruntieri u sabiex jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' ċittadinanza tal-UE lil hinn mill-fruntieri;*** | ***imħassar*** |

Or. de

**Emenda 54**
**Franz Obermayr**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 10**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 10. Jilqa' l-ħolqien propost għal Statut tal-Fondazzjonijiet Ewropej; jitlob li jinħoloq Statut *tal-Fondazzjonijiet* Ewropej sabiex jiġu ffaċilitati inizjattivi *taċ-ċittadini* bejn il-fruntieri ***u sabiex jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' ċittadinanza tal-UE lil hinn mill-fruntieri***; | 10. Jilqa' l-ħolqien propost għal Statut tal-Fondazzjonijiet Ewropej; jitlob li jinħoloq Statut *tal-Assoċjazzjonijiet* Ewropej sabiex jiġu ffaċilitati inizjattivi *taċ-ċittadini* bejn il-fruntieri***; f'dan il-kuntest jitlob li rigward il-kontenut, dawn il-forom kollha ta' attività taċ-ċittadini jkunu jistgħu jiġu ddisinjati liberament fi ħdan il-qafas legali tagħhom u li jittieħdu bis-serjetà u jiġu appoġġjati kif xieraq mill-Kummissjoni Ewropea bħala parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-ħajja politika***; |

Or. de

**Emenda 55**
**Rodi Kratsa-Tsagaropoulou**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 10**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 10. Jilqa' l-ħolqien propost għal Statut tal-Fondazzjonijiet Ewropej; jitlob li jinħoloq Statut tal-Fondazzjonijiet Ewropej sabiex jiġu ffaċilitati inizjattivi bejn il-fruntieri u sabiex jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' ċittadinanza tal-UE lil hinn mill-fruntieri; | 10. Jilqa' l-ħolqien propost għal Statut tal-Fondazzjonijiet Ewropej ***u josserva l-impenn tal-Kummissjoni biex sal-aħħar tal-2011 tippreżenta regolament;*** jitlob li jinħoloq Statut tal-Fondazzjonijiet Ewropej sabiex jiġu ffaċilitati inizjattivi bejn il-fruntieri u sabiex jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' ċittadinanza tal-UE lil hinn mill-fruntieri; |

Or. en

**Emenda 56**
**Vasilica Viorica Dăncilă**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 10**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 10. Jilqa' l-ħolqien propost għal Statut tal-Fondazzjonijiet Ewropej; jitlob li jinħoloq Statut tal-Fondazzjonijiet Ewropej sabiex jiġu ffaċilitati inizjattivi bejn il-fruntieri u sabiex jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' ċittadinanza tal-UE lil hinn mill-fruntieri***;*** | 10. Jilqa' l-ħolqien propost għal Statut tal-Fondazzjonijiet Ewropej; jitlob li jinħoloq Statut tal-Fondazzjonijiet Ewropej sabiex jiġu ffaċilitati inizjattivi bejn il-fruntieri ***u sabiex jinħolqu ambjenti kummerċjali li jiffavorixxu l-innovazzjoni permezz ta' politiki lokali adegwati u speċjalizzazzjoni intelliġenti*** u sabiex jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' ċittadinanza tal-UE lil hinn mill-fruntieri***;*** |

Or. ro

**Emenda 57**
**Rosa Estaràs Ferragut**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 10 a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***10 a. Ifakkar il-ħtieġa li tiġi kkunsidrata, fil-qafas tal-politiki integrati tal-UE, is-sitwazzjoni tar-reġjuni b'karatteristiċi territorjali speċifiċi sabiex dawn ir-reġjuni, l-impriżi, il-forza tax-xogħol u ċ-ċittadini tagħhom ikunu jistgħu jidħlu verament fis-suq intern tal-UE biex tassew ikunu jistgħu igawdu l-benefiċċji tiegħu;*** |

Or. es

**Emenda 58**
**Lambert van Nistelrooij**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 11**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 11. Japprezza l-approċċ ta' governanza tal-Kummissjoni fuq ħafna livelli, li huwa meħtieġ sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ġenwina minn parteċipanti politiċi u ekonomiċi reġjonali u lokali; | 11. Japprezza l-approċċ ta' governanza tal-Kummissjoni fuq ħafna livelli, li huwa meħtieġ sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ġenwina minn parteċipanti politiċi u ekonomiċi reġjonali u lokali; ***jipproponi, sabiex jiġi enfasizzat dan l-approċċ deċentralizzat, t-twaqqif ta' 'Patt Territorjali tal-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali dwar l-Istrateġija tal-Ewropa 2020' f'kull Stat Membru biex tinħoloq sjieda qawwija fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija 2020 tal-UE;*** |

Or. en

**Emenda 59**
**Iosif Matula**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 11**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 11. Japprezza l-approċċ ta' governanza tal-Kummissjoni fuq ħafna livelli, li huwa meħtieġ sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ġenwina minn parteċipanti politiċi u ekonomiċi reġjonali u lokali; | 11. Japprezza l-approċċ ta' governanza tal-Kummissjoni fuq ħafna livelli, ***jistieden lill-Istati Membri biex jieħdu l-inizjattiva f'dan ir-rigward u jiżguraw li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jkollhom irwol sinifikanti; jemmen*** li ***dan l-approċċ*** huwa meħtieġ sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ġenwina minn parteċipanti politiċi u ekonomiċi reġjonali u lokali; |

Or. ro

**Emenda 60**
**Ramona Nicole Mănescu**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 11**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 11. Japprezza l-approċċ ta' governanza tal-Kummissjoni fuq ħafna livelli, li huwa meħtieġ sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ġenwina minn parteċipanti politiċi u ekonomiċi reġjonali u lokali; | 11. Japprezza l-approċċ ta' governanza tal-Kummissjoni fuq ħafna livelli, li huwa meħtieġ sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ġenwina minn parteċipanti politiċi u ekonomiċi reġjonali u lokali***. Jenfasizza li l-approċċ ta' ħafna livelli għandu jkun applikat mhux biss vertikalment iżda wkoll orizzontalment, fost l-atturi tal-istess livell, fil-politiki kollha ta' kompetenza kondiviża tal-Unjoni inkluża l-politika ta' koeżjoni;*** |

Or. en

**Emenda 61**
**Nuno Teixeira**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 11**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 11. Japprezza l-approċċ ta' governanza tal-Kummissjoni fuq ħafna livelli, li huwa meħtieġ sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ġenwina minn parteċipanti politiċi u ekonomiċi reġjonali u lokali; | 11. Japprezza l-approċċ ta' governanza tal-Kummissjoni fuq ħafna livelli, li huwa meħtieġ sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ġenwina minn parteċipanti politiċi u ekonomiċi reġjonali u lokali; ***jinsisti fuq il-ħtieġa li jkun hemm aktar involviment min-naħa tal-awtoritajiet reġjonali u lokali fil-bini tas-suq uniku, f'konformità mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u s-sħubija u fl-istadji kollha tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet;*** |

Or. pt

**Emenda 62**
**Rodi Kratsa-Tsagaropoulou**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 11**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 11. Japprezza l-approċċ ta' governanza tal-Kummissjoni fuq ħafna livelli, li huwa meħtieġ sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ġenwina minn parteċipanti politiċi u ekonomiċi reġjonali u lokali; | 11. Japprezza l-approċċ ta' governanza tal-Kummissjoni fuq ħafna livelli, li huwa meħtieġ sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ġenwina minn parteċipanti politiċi u ekonomiċi reġjonali u lokali ***fit-teħid ta' deċiżjoni;*** |

Or. en

**Emenda 63**
**Vasilica Viorica Dăncilă**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 11**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 11. Japprezza l-approċċ ta' governanza tal-Kummissjoni fuq ħafna livelli, li huwa meħtieġ sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ġenwina minn parteċipanti politiċi u ekonomiċi reġjonali u lokali***;*** | 11. Japprezza l-approċċ ta' governanza tal-Kummissjoni fuq ħafna livelli, li huwa meħtieġ sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ġenwina minn parteċipanti politiċi u ekonomiċi reġjonali u lokali***, jitlob appoġġ biex tiġi żviluppata firxa ta' sħubiji pubbliċi privati fil-livell lokali u reġjonali, bl-għan li l-awtoritajiet ikkonċernati jkunu jistgħu jilqgħu l-isfida tal-forom ġodda ta' kompetizzjoni li qed jiżviluppaw fl-ekonomija globali;*** |

Or. ro

**Emenda 64**
**Rodi Kratsa-Tsagaropoulou**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 12**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 12. Jitlob lill-Kummissjoni tinvolvi aktar lill-Kumitat għar-Reġjuni u lill-Parlament, u taħdem magħhom biex jiġu mmonitorjati kontinwament il-potenzjal u l-konsegwenzi attwali tat-tisħiħ tas-suq uniku; jilqa', għaldaqstant, l-idea ta' forum ta' suq uniku. | 12. Jitlob lill-Kummissjoni tinvolvi aktar lill-Kumitat għar-Reġjuni u lill-Parlament ***Ewropew***, u taħdem magħhom ***mill-qrib*** biex jiġu mmonitorjati kontinwament il-potenzjal u l-konsegwenzi attwali tat-tisħiħ tas-suq uniku; jilqa', għaldaqstant, l-idea ta' forum ta' suq uniku. |

Or. en

**Emenda 65**
**Sophie Auconie, Marie-Thérèse Sanchez-Schmid**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 12**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 12. Jitlob lill-Kummissjoni tinvolvi ***aktar*** | 12. ***Japprezza r-rwol tal-Kumitat għar-*** |

| | |
|---|---|
| lill-Kumitat għar-Reġjuni u lill-Parlament, u taħdem magħhom biex jiġu mmonitorjati kontinwament il-potenzjal u l-konsegwenzi attwali tat-tisħiħ tas-suq uniku; jilqa', għaldaqstant, l-idea ta' forum ta' suq uniku. | ***Reġjuni fl-involviment tal-atturi lokali u reġjonali fid-dibattitu dwar l-att għas-suq uniku;*** jitlob lill-Kummissjoni ***biex tkompli*** tinvolvi lill-Kumitat għar-Reġjuni u lill-Parlament, u taħdem magħhom biex jiġu mmonitorjati kontinwament il-potenzjal u l-konsegwenzi attwali tat-tisħiħ tas-suq uniku; jilqa', għaldaqstant, l-idea ta' forum ta' suq uniku. |

Or. fr

**Emenda 66**
**Heide Rühle**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 12 a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***12 a. Jilqa' b'sodisfazzjon l-isforzi miżjuda tal-Kummissjoni biex tinkludi l-pubbliku wiesa' fil-proċeduri ta' konsultazzjoni; jenfasizza li f'dawn il-konsultazzjonijiet għandu jitqies sew l-irwol partikolari l-ġdid tal-gvernijiet lokali u reġjonali peress li huma huma li jimplimentaw ir-regoli tal-UE; b'konsegwenza ta' dan, ma tantx iqis adegwat l-elenku fil-proposta tal-Kummissjoni li fih il-gvernijiet lokali u reġjonali jissemmew bħala sħab fil-konsultazzjonijiet fl-aħħar post (COM(2010) 608, proposta 48); jistieden lill-Kummissjoni biex fid-dawl tat-Trattat ta' Lisbona tagħti aktar valur lill-irwol tal-gvernijiet lokali u reġjonali;*** |

Or. de

**Emenda 67**
**Heide Rühle**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 12 b (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***12 b. Iqis neċessarja l-inklużjoni tal-gvernijiet lokali u reġjonali fl-iżvilupp u t-tkabbir tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar is-Suq Intern sabiex ikunu evitati l-burokrazija żejda u piżijiet kbar wisq f'livell lokali.*** |

Or. de